

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Kummerċjali Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > [Estonia](#)

Reġistri kummerċjali fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn
Estonja

Estonja



Din il-paġna tipprovdik b'ħarsa ġenerali tar-reġistru kummerċjali Estonjan u r-reġistru ta' assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet mhux għal skop ta' qligħ.

X'informazzjoni tista' tinstab fir-reġistru kummerċjali Estonjan u r-reġistru ta' assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet mhux għal skop ta' qligħ?

Ir-reġistru kummerċjali u r-reġistru ta' assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet mhux għal skop ta' qligħ huma miżmuma mid-dipartiment tar-reġistrazzjoni tal-Qorti tal-Kontea ta' Tartu. Ir-reġistri huma miżmuma fil-qradi biex jiġi żgurat l-istatus indipendenti u l-għarfien espert ġuridiku tar-reġistrar. Huma għandhom forza ġuridika qawwija u l-għan tagħhom huwa li jiggarrantixxu ċertezza legali. Entrata fir-reġistru kummerċjali hija kkunsidrata korretta fir-rigward ta' parti terza, sakemm il-parti terza ma kinitx taf jew kellha tkun taf li l-entrata ma kinitx korretta. Entrata hija meqjusa li ma tapplikax fir-rigward ta' tranżazzjonijiet li huma konklużi fi żmien ħmistax-il jum wara li tkun saret l-entrata jekk parti terza turi li l-parti terza ma kinitx taf jew kellha tkun taf bil-kontenut tal-entrata. Għalhekk parti terza tista', in bona fide, tafda fil-veraċità tal-entrati fir-reġistru, pereżempju billi tissoponi, meta tidħol f'kuntratt, li l-persuna li ddaħħlet fir-reġistru bħala membru tal-bord maniġerjali għandha awtorità firmatarja għall-kumpanija inkwistjoni.

Ċerti ċirkostanzi ġuridiċi huma validi biss jekk jiddaħħlu fir-reġistru: pereżempju, l-awtorità firmatarja ta' membru ta' bord maniġerjali tista' tkun ċirkoskritta fl-artikoli ta' assoċjazzjoni jew fil-kuntratt li tidħol fih mal-membri tal-bord maniġerjali, iżda l-limitazzjonijiet li jiddaħħlu fir-reġistru biss japplikaw għal partijiet terzi.

Ċerti ċirkostanzi importanti jidhru fis-seħħ mill-mument li tiddaħħal l-entrata fir-reġistru: pereżempju, iż-żieda ta' kapital azzjonarju ta' kumpanija tidħol fis-seħħ mill-mument li ż-żieda tiddaħħal fir-reġistru kummerċjali, u mhux mill-mument tad-deċiżjoni biex jiżded is-sehem azzjonarju jew mill-mument li jsiru l-kontribuzzjonijiet. L-istess japplika għall-istabbiliment ta' entità ġuridika, l-emenda tal-artikoli ta' assoċjazzjoni tagħha jew għall-fużjoni, separazzjoni u trasformazzjoni tagħha.

Ir-reġistri huma miżmuma elettronikament.

Id-dipartiment ta' reġistrazzjoni tal-Qorti tal-Kontea ta' Tartu jibqa' r-reġistru kummerċjali ta' persuni li jaħdmu għal rashom, kumpaniji (kumpaniji pubbliċi limitati, kumpaniji privati limitati, soċjetajiet f'isem kollettiv, soċjetajiet limitati, assoċjazzjonijiet kummerċjali, Kumpaniji Ewropej (*Societas Europaea*), Soċjetajiet Kooperattivi Ewropej (*Societas Cooperativa Europaea*) u raggruppamenti Ewropej ta' kooperazzjoni territorjali) u fergħat ta' kumpaniji barranin li jinsabu fl-Estonja.

Ir-reġistru ta' assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet mhux għal skop ta' qligħ jinkludi informazzjoni dwar assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet mhux għal skop ta' qligħ (assoċjazzjonijiet mhux għal skop ta' qligħ huma meqjusa li jinkludu assoċjazzjonijiet tal-appartamenti, assoċjazzjonijiet tal-bini u assoċjazzjonijiet mhux għal skop ta' qligħ oħra, kif ukoll partiti politiċi, trejdjunjins, knejjes, kongregazzjonijiet, assoċjazzjonijiet ta' kongregazzjonijiet u monasteri) li jinsabu fl-Estonja. Ir-reġistru tal-assoċjazzjonijiet mhux għal skop ta' qligħ u l-fondazzjonijiet jinkludi wkoll ir-reġistru tal-assoċjazzjonijiet tad-djar u r-reġistru tal-assoċjazzjonijiet tat-titjib tal-artijiet.

Dawn li ġejjin jiġu miftuħa fir-reġistru kummerċjali jew ir-reġistru ta' assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet mhux għal skop ta' qligħ għal kull persuna li taħdem għal rasha, entità ġuridika u fergħa ta' kumpanija barranija:

- kard tar-reġistru;
- fajl tan-negozju (fir-reġistru kummerċjali) jew fajl pubbliku (fil-każ ta' assoċjazzjonijiet mhux għal skop ta' qligħ, fondazzjonijiet u assoċjazzjonijiet tad-djar);
- fajl tar-reġistru.

Il-fajls tan-negozju u pubbliċi jinkludu dokumenti li entità ġuridika, persuna li taħdem għal rasha jew il-fergħa ta' kumpanija barranija ssoțtemmettew lir-reġistrar skont il-liġi, pereżempju l-artikoli ta' inkorporazzjoni jew assoċjazzjoni u dokumenti oħrajn imdaħħla fir-reġistru pubbliku. Sentenzi tal-qorti, appelli kontra sentenzi, korrispondenza u dokumenti oħra li mhumiex miżmuma fil-fajls tan-negozju jew pubbliċi huma miżmuma fil-fajl tar-reġistru.

L-informazzjoni li ġejja hija mdaħħla fil-kard tar-reġistru ta' entità ġuridika, persuna li taħdem għal rasha jew fergħa ta' kumpanija barranija:

- l-isem tan-negozju jew l-isem u l-kodiċi tar-reġistru;
- ir-residenza jew l-uffiċċju rreġistrat u l-indirizz tal-entitajiet ġuridiki, il-persuni li jaħdmu għal rashom u l-fergħat tal-kumpaniji barranin u għall-kumpaniji, l-indirizz tal-posta elettronika wkoll;
- dettalji dwar il-persuna li taħdem għal rasha, u d-dettalji rigward is-sospensjoni tal-operazzjonijiet tal-persuna u n-natura staġunali jew temporanja tal-operazzjonijiet;
- dettalji rigward il-persuni bis-setgħat ta' rappreżentazzjoni (membri tal-bord, soċji solidali, soċji akkomandanti jew partijiet terzi b'setgħat ta' rappreżentazzjoni, stralċjarji u fiduċjarji fil-falliment), kif ukoll ftehimiet rigward setgħat ta' rappreżentazzjoni u l-awtorità mogħtija meta tiġi rappreżentata entità ġuridika;
- dettalji rigward il-prokuratur;
- il-forma ġuridika tal-impriża jew it-tip ta' kumpanija;
- id-data meta l-artikoli tal-assoċjazzjoni ġew approvati;
- il-valur monetarju tal-kapital azzjonarju tal-kumpanija;
- notazzjoni rigward it-twaqqif ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata mingħajr il-kontribuzzjonijiet magħmula;
- nota li tindika li l-ishma ġew irreġistrati fir-reġistru ċentrali Estonjan tat-titoli jew nota mingħand min iżomm ir-reġistru tal-ishma;
- il-bidu u t-tmiem tas-sena finanzjarja;
- l-informazzjoni dwar falliment meħtieġa bil-liġi;
- notazzjoni rigward il-fużjoni, id-diviżjoni u t-trasformazzjoni tal-kumpanija u rigward id-dissoluzzjoni u t-tneħħija mir-reġistru tagħha;
- referenza għal entrati magħmula mir-reġistrar kif previst bil-liġi u mingħajr ma l-impriża tagħmel talba;
- informazzjoni fuq id-depożitarju għal dokumenti minn kumpanija likwidata;
- l-għanijiet tal-fondazzjoni;
- informazzjoni oħra kif prevista bil-liġi.

Kwistjonijiet dwar ir-reġistru huma rieżaminati bħala kawżi ċivili mhux kontenzjużi li jużaw proċedimenti bil-miktub. Isiru annotazzjonijiet fir-reġistri fuq il-bażi ta' applikazzjoni għal entrata jew deċiżjoni tal-qorti jew fuq bażijiet oħra stabbiliti bil-liġi. Applikazzjonijiet għad-dħul iridu jew ikollhom firma diġitali jew ikunu fil-forma ta' dokument notarili.

L-entrati fir-reġistru kummerċjali u r-reġistru tal-assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet volontarji mhux għal skop ta' qligħ huma pubbliċi. Kulħadd għandu d-dritt li jeżamina d-data tal-kard tar-reġistru u d-dokumenti fil-fajls tan-negozju jew pubbliċi u li jikseb kopji tagħhom. Il-fajls tar-reġistru jistgħu jiġu eżaminati minn korpi tal-gvern kompetenti, mill-qrati matul il-proċeduri u persuni oħra jew entitajiet b'interess leġittimu.

Il-bażi tad-data ċentrali tar-reġistru kummerċjali u r-reġistru ta' assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet mhux għal skop ta' qligħ tinżamm miċ-Ċentru tar-Reġistri u s-Sistemi tal-Informazzjoni. Iċ-Ċentru joffri wkoll is-servizzi li ġejjin:

Ir-Reġistru tan-Negozju Elettroniku

Ir-Reġistru tan-Negozju Elettroniku huwa servizz ibbażat fuq il-bażi tad-*data* tad-dipartiment tar-reġistrazzjonijiet tal-Qorti tal-Kontea ta' Tartu li juri *data* f'ħin reali li tikkonċerna l-entitajiet ġuridiċi, il-persuni li jaħdmu għal rashom u l-fergħat ta' kumpaniji barranin rreġistrati fl-Estonja kollha. Ir-Reġistru tan-Negozju Elettroniku jagħmilha possibbli li wieħed:

- jeżamina d-*data* tal-kard tar-reġistru, *data* ġenerali u *data* dwar l-arretrati tat-taxxa mingħajr ħlas;
- ifittex bl-isem, bil-kodiċi tar-reġistru, bl-uffiċċju rreġistrat, bil-qasam tal-attivitajiet, eċċ.;
- jara, billi jħallas tariffa, rapporti annwali, artikli ta' assoċjazzjoni u dokumenti elettroniċi oħrajn, informazzjoni personali u *data* dwar wegħda kummerċjali, eċċ., li jinsabu fil-fajls tan-negozju jew pubbliċi;
- jissorvelja f'ħin reali informazzjoni proċedurali li tirrigwarda l-kumpaniji u l-bidliet fl-entrati tagħhom;
- jiċċekkja bla ħlas kull projbizzjonijiet kummerċjali imposta fuq persuni jew entitajiet Estonjani;
- jara mingħajr ħlas il-lista ta' membri ta' partiti politiċi;
- jara r-rabtiet bejn diversi kumpaniji u persuni.

Iktar informazzjoni dwar ir-Reġistru tan-Negozju Elettroniku hija disponibbli fuq is-[sit elettroniku](#) taċ-Ċentru tar-Reġistri u s-Sistemi ta' Informazzjoni.

Portal tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji

Il-Portal tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji huwa ambjent li jippermetti lil persuni u entitajiet jissottomettu dokumenti lid-dipartiment tar-reġistrazzjonijiet tal-qorti tal-kontea huma stess. L-applikazzjonijiet biex tiġi rreġistrata kumpanija ġdida, biex tiġi emendata d-*data* tar-reġistru, biex tiġi likwidata u biex titħassar mir-reġistru, jistgħu jiġu sottomessi permezz tal-portal. Ir-rapporti annwali wkoll jistgħu jifasslu u jintbagħtu permezz tal-portal. Iċ-ċittadini Estonjani, Finlandiżi, Latvjani u Belġjani u r-residenti elettroniċi tal-Estonjs jistgħu jidhru fil-portal billi jużaw il-karti tal-identità tagħhom għall-awtentikazzjoni. Iċ-ċittadini Estonjani u Litwani jistgħu jilloggjaw bl-użu tas-servizz tal-Mobile-ID. Il-Portal tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji huwa disponibbli fuq is-[sit elettroniku](#) taċ-Ċentru tar-Reġistri u s-Sistemi ta' Informazzjoni.

Ir-Reġistru Ewropew tan-Negozju (EBR)

Ir-Reġistru Ewropew tan-Negozju (EBR) huwa sistema ta' tiftix ibbażata fuq l-internet li tipprovdi informazzjoni uffiċjali dwar il-kumpaniji Ewropej. It-tiftixiet jistgħu jsiru minn fuq is-[sit elettroniku](#).

- L-informazzjoni hija disponibbli mir-reġistri kummerċjali ta' total ta' **20 pajjiż**.
- It-tiftix jista' jsir rigward kumpaniji u persuni.
- Il-[lista ta' informazzjoni disponibbli](#) tvarja minn pajjiż għall-ieħor.
- Id-*data* tar-reġistri għandha effett ġuridiċi differenti f'pajjiżi differenti.
- Il-funzjoni tat-tiftix tista' tintuża kemm minn individwi privati kif ukoll minn kumpaniji.
- Trid titħallas tariffa għas-servizz.

Irid isir xi ħlas biex jingħata aċċess għar-reġistru kummerċjali Estonjan?

Id-*data* tar-reġistru tista' tiġi aċċessata [online](#) u [fl-uffiċċji tan-nutara](#).

Ma trid titħallas l-ebda tariffa għat-tiftix dwar entitajiet ġuridiċi, persuni li jaħdmu għal rashom u fergħat ta' kumpaniji barranin, għal informazzjoni dwar proċedimenti fil-qrati jew għall-aċċess għal informazzjoni fil-kards tar-reġistru. M'hemmx tariffa għal persuni li jwettqu t-tiftix online huma stess. Madankollu, titħallas tariffa għar-riċerki l-oħra kollha, inklużi d-*data* tal-kard tar-reġistru storiku u l-aċċess għar-rapporti annwali, l-artikoli ta' assoċjazzjoni u dokumenti oħrajn. Fejn tintalab tariffa għall-informazzjoni, il-ħlas isir immedjatament permezz ta' trasferiment bankarju bl-internet. L-abbonati bid-dritt li jużaw parametri tat-tiftix estiż iħallsu fuq il-bażi ta' fatturi ta' kull xahar. Ir-rati li jintalbu għall-użu tad-*data* tal-kompjuter fir-reġistru kummerċjali huma stabbiliti f'[Regolament](#) tal-Ministru tal-Ġustizzja.

Titħallas tariffa biex jiġu kkonsultati d-*data* tar-reġistru u d-dokumenti tal-fajl f'uffiċċju ta' nutar. It-tariffi huma stabbiliti fl- [tat-Tariffi tan-Nutara](#).

Kif issir tiftixa fir-regjistru kummerċjali Estonjan

It-tiftixiet jistgħu jsiru fir-regjistru kummerċjali u r-regjistru ta' assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet mhux għal skop ta' qligħ billi jintuża r-Regjistru tan-Negożju Elettroniku fuq is-[sit elettroniku](#) taċ-Ċentru tar-Reġistri u s-Sistemi ta' Informazzjoni.

Kemm huma affidabbli d-dokumenti misjuba fir-regjistru?

Din il-paġna tispjega kif l-użu ta' *data* u dokumenti misjuba fir-regjistru kummerċjali huwa regolat fl-Estonja.

Id-dipartiment tar-reġistrazzjoni tal-Qorti tal-Kontea ta' Tartu jżomm ir-regjistru kummerċjali. Persuni li jaħdmu għal rashom, fergħat ta' kumpaniji barranin, u kumpaniji (kumpaniji pubbliċi limitati, kumpaniji privati limitati, soċjetajiet f'isem kollettiv, soċjetajiet limitati, assoċjazzjonijiet kummerċjali, Kumpaniji Ewropej (*Societas Europaea*), Soċjetajiet Kooperattivi Ewropej (*Societas Cooperativa Europaea*) u raggruppamenti Ewropej ta' kooperazzjoni territorjali) jiddaħħlu fir-regjistru kummerċjali. Dan ir-regjistru elettroniku għandu forza ġuridika qawwija u l-għan tiegħu huwa li jiggarrantixxi ċertezza tad-dritt. Ir-regjistru kummerċjali jinżamm bl-Estonjan.

Entrata fir-Regjistru Kummerċjali hija kkunsidrata korretta fir-rigward ta' parti terza, sakemm il-parti terza ma kinitx taf jew kellha tkun taf li l-entrata ma kinitx korretta. Entrata hija meqjusa li ma tapplikax fir-rigward ta' tranżazzjonijiet li huma konklużi fi żmien ħmistax-il jum wara li tkun saret l-entrata jekk parti terza turi li l-parti terza ma kinitx taf jew kellha tkun taf bil-kontenut tal-entrata. Għalhekk parti terza tista', in bona fide, tafda fil-veraċità tal-entrati fir-regjistru, pereżempju billi tissoponi, meta tidħol f'kuntratt, li l-persuna li ddaħħlet fir-regjistru bħala membru tal-bord maniġerjali għandha awtorità firmatarja għall-kumpanija inkwistjoni.

Ċerti ċirkostanzi ġuridiċi huma validi biss jekk jiddaħħlu fir-regjistru: pereżempju, l-awtorità firmatarja ta' membru ta' bord maniġerjali tista' tkun ċirkoskritta fl-artikoli ta' assoċjazzjoni jew fil-kuntratt li tidħol fih mal-membri tal-bord maniġerjali, iżda l-limitazzjonijiet li jiddaħħlu fir-regjistru biss japplikaw għal partijiet terzi.

Ċerti ċirkostanzi importanti jidhru fis-seħħ mill-mument li tiddaħħal l-entrata fir-regjistru: pereżempju, iż-żieda ta' kapital azzjonarju ta' kumpanija tidħol fis-seħħ mill-mument li ż-żieda tiddaħħal fir-regjistru kummerċjali, u mhux mill-mument tad-deċiżjoni biex jiżdied is-sehem azzjonarju jew mill-mument li jsiru l-kontribuzzjonijiet. L-istess japplika għall-istabbiliment ta' entità ġuridika, l-emenda tal-artikoli ta' assoċjazzjoni tagħha jew għall-fużjoni, separazzjoni u trasformazzjoni tagħha.

Dawn li ġejjin jiġu miftuħa fir-regjistru kummerċjali għal kull persuna li taħdem għal rasha, entità ġuridika u fergħa ta' kumpanija barranija:

- kard tar-regjistru;
- fajl tan-negożju;
- fajl tar-regjistru.

Il-fajl tan-negożju jinkludi dokumenti li kumpanija, persuna li taħdem għal rasha jew il-fergħa ta' kumpanija barranija ssoțtemmettew lir-reġistrar skont il-liġi, pereżempju l-artikoli ta' inkorporazzjoni jew assoċjazzjoni u dokumenti oħrajn imdaħħla fir-regjistru pubbliku. Sentenzi tal-qorti, appelli kontra sentenzi, korrispondenza u dokumenti oħra li mhumiex miżmuma fil-fajl tan-negożju huma miżmuma fil-fajl tar-regjistru.

Id-dokumenti f'lingwa barranija jridu jintbagħtu lir-reġistratur bi traduzzjoni għall-Estonjan minn traduttur ġuramentat. Impriża ma tistax tibbaża fuq traduzzjoni li hija differenti mid-dokument oriġinali. Parti terza tista' tibbaża fuq it-traduzzjoni ta' dokument sottomess lir-reġistrar sakemm l-impriża tipprova li l-parti terza kienet konxja tal-inakuratezza tat-traduzzjoni.

L-entrati fir-regjistru kummerċjali huma pubbliċi. Kulħadd għandu dritt jeżamina l-informazzjoni li tinsab fil-kards tar-regjistru u d-dokumenti fil-fajls tan-negożju u li jiksbu kopji tagħhom. Il-fajls tar-regjistru jistgħu jiġu eżaminati minn korpi tal-gvern kompetenti, mill-qrati matul il-proċeduri u persuni oħra jew entitajiet b'interess leġittimu.

Id-dokumenti fil-fajl huma pubbliċi u jistgħu jiġu mitluba kopji tagħhom mingħand ir-Regjistru tan-Negożju Elettroniku jew nutar.

Storja tar-Reġistru kummerċjali Estonjan

Ir-reġistru kummerċjali Estonjan jinkludi informazzjoni li tmur lura sal-1 ta' Settembru 1995. Id-*data* tiġi aġġornata regolament.

Ħoloq relatati

[Ir-Reġistru Ewropew tan-Negozju](#)

[Fittex ir-reġistru kummerċjali](#)

[Portal tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji](#)

[Ir-Reġistru tan-Negozju Elettroniku](#)

[Dipartimenti tar-Reġistrazzjoni](#)

[Nutara](#)

■ L-aħħar aġġornament: 21/12/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.